VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,970, 29 ta' Marzu, 2018*
*Taqsima B*

**A.L.92 tal-2018**

## ATT TAL-2018 LI JEMENDA L-KODIĊI ĊIVILI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (Att Nru I tal-2018)

### Avviż ta' bidu fis-seħħ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 1(2) u (3) tal-Att tal-2018 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali stabbilixxa d-9 ta' April 2018 bħala d-data meta s-subparagrafi (i), (ii), (iii) u (iv) tal-paragrafu (b) tal-artikolu 21 tal-imsemmi Att għandhom jidħlu fis-seħħ:

Iżda l-kawżi kollha li huma relatati ma' materji regolati mill-Att dwar il-Kumpaniji li jkunu qed jinstemgħu quddiem il-Qorti Ċivili Prim' Awla fil-ġurisdizzjoni ġenerali tagħha, li iżda ma jkunux mħollija għas-sentenza, għandhom, mid-9 ta' April 2018, ikomplu jinstemgħu mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ). Kap. 386